MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2015

Numru 511/2013

**Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Carmen Meilaq**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Carmen Meilaq nee' Sapiano ta' 46 sena, bint Carmelo u Veneranda nee' Delicata, mwielda Bormla fis-26 ta' April 1969, residenti 2, Triq it-Tigrija, Marsa u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-numru 216769M;

Talli;

1) Fil-25 ta' Mejju 2013 ghall-habta ta' 2.00am gewwa Triq it-Tigrija, Marsa dolozament, bil-hsieb li toqtol lil Alfred Farrugia jew li tqieghed il-hajja tieghu f'periklu car, weriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghha;
2) Talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Farrugia hekk kif gie iccertifikat minn Dr Kurt Carabott Med No. 5335 tal-isptar Mater Dei;
3) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Farrugia permezz ta' arma regolari, inkella bi strument bil-ponta jew iniggez, inkella b'sustanza jew likwidu li jista' jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv;
4) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunat feriti gravi fuq il-persuna tal-istess Alfred Farrugia, liema offizi x'aktarx jikkagunaw debbulizza permanenti fis-sahha jew funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew iggib difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew mard permanenti tal-mohh tal-imsemmi Alfred Farrugia;
5) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisret il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
6) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insulentat, ingurjat jew heddied bi kliem lil Alfred Farrugia;
7) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'post pubbliku jew miftuh ghal pubbliku kienet fi stat ta' sakra li ma setghetx tiehu hsieb taghha nnifisha;

8) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha arma bil-ponta, mus, minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat in-nota ta’ rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, datata 17 ta’ April, 2015, fejn gew indikati l-Artikoli tal-ligi li tahthom kellha tghaddi in gudikat l-imputata ghal dan ir-reat;

Rat illi l-istess imputata ma kellhiex oggezzjoni li din il-Qorti tittratta sommarjament maghha ghal dan ir-reat, u ghalhekk il-Qorti setghet tisma’ l-kawza minnufih skond il-ligi;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fl-istadju tal-gheluq tal-kumpilazzjoni f’dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnha wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputata giet mwissija solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Illi bl-ammissjoni tal-imputata, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ssib htija fiha ghal dan ir-reat, u tghaddi ghas-sentenza fil-konfropnt taghha. Mill-provi prodotti rrisulta li dan il-kaz kien jittratta sitwazzjoni ta' argument fil-familja. Fiz-zmien tal-incident in kwistjoni, l-imputata u l-vittma Alfred Farrugia kienu jghixu flimkien, izda inqala' argument bejniethom u gew fl-idejn, bil-konsegwenza li t-tnejn sofrew griehi u t-tnejn gew akkuzati fi proceduri separati. Fil-konfront tal-imputata, il-Prosekuzzjoni kienet lahqet tellghet il-provi kollha taghha, liema provi kienu jindikaw b'mod car li Carmen Meilaq kienet ikkagunat griehi gravi bi strument jaqta' fuq il-persuna ta' Farrugia. Madankollu hi ukoll kienet giet aggredita minnu b'serratizz tal-injam, u ghalhekk l-imputata irreciprokat l-offizi li qalghet minn Farrugia.

Kwantu ghall-finijiet ta' piena, mill-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, jidher li l-akkuza ta' attentat ta' omicidju giet ridotta ghal attentat ta' offiza gravi, bil-kwalifika tal-Artikolu 217 tal-Kap 9 peress illi l-istess offiza giet ikkagunata bi strument jaqta'. Il-Qorti rat il-fedina penali netta tal-imputata, kif ukoll il-fatti tal-kaz, u ghalkemm ir-reat huwa wiehed ta' certa gravita', xorta hi tal-fehma li l-piena tista' tkun wahda ta' prigunerija sospiza, aktar milli wahda effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 214, 215, 217, 218, 221(1)(a), 202(h)(v), 338(dd), 339(1)(d), 338(ff), 17, 31, 533, 383, 384, 385, 386, 387, 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll l-Artikoli 6, 51 u 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill- imputata hatja u ghaldaqstant tikkundannaha ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------